# Il-Kwadru ta' San Ġwann Bosco fil-Bażilika ta' San Pawl

minn John Farrugia

Missieri, Carmelo Farrugia bin Ġuża u Anġelo Farrugia, twieled ir-Rabat fil-5 ta' Ġunju 1913. Kien l-iżgħar fost tlett aħwa oħra, Nina, Ġuża u Nazzareno. Nazzareno, li kien baqa' ġuvni, kien jgħin ħafna fil-Parroċċa ta' San Pawl.

Missieri żżewweġ lil Marija Camilleri. Wara li kellhom erbat ibniet, għax konna Mary, Ines, Josephine u Cecilia l-ħames tarbija kienet tifel. Tistgħu timmaġinaw x'ferħ kellhom, imma sfortunatament it-tarbija, li semmew Frans, mietet wara xi xahar. Missieri kellu devozzjoni kbira lejn San Ġwann Bosco u meta kien sa jkollhom is-sitt tarbija kien talbu ħafna biex it-tarbija li kienet sa titwieled tkun f'saħħitha u kien għamel wegħda lil San Giovanni Bosco, li jekk it-tarbija tkun tifel isemmieh John Bosco.



*Is-Sur Carmelo Farrugia*

Twelidt jien u semmewni John Bosco. Missieri żamm il-wegħda, xtara dak il-kwadru ta' San Ġwann Bosco, li kellu post prominenti fid-dar tagħna u kull sena fil-ġurnata tal-festa ta' San Ġwann Bosco, missieri kien iħallas quddiesa kantata ad unur ta' dan il-qaddis bħala ringrazzjament.

Ġurnata qabel kien jiġi s-sagristan id-dar tagħna biex jieħu l-kwadru ta' San Ġwann Bosco u dan kien jitpoġġa fuq l-altar maġġur. Warajja, ommi u missieri kellhom żewġt itfal oħra. Rabbewna nħobbu lil San Ġwann Bosco u kull sena għal ħafna snin kienu joħduna għal din il-quddiesa kantata li kienet issir fis-sitta ta' filgħodu fil-Parroċċa ta' San Pawl. Meta miet missieri konna rregalajna dan il-kwadru lil Parroċċa.

Din il-quddiesa kantata fil-ġurnata tal-festa ta' San Ġwann Bosco kienet bdiet issir minn sena wara li twelidt jien u probabbli l-quddiesa kantata bdiet issir f'Jannar tas-sena tal-1952. Il-kwadru ta' Don Bosco llum jinsab imdendel fis-sagrestija tal-Knisja ta' San Publiju magħrufa aħjar bħala l-Kulleġġ.

**Min kien Don Bosco?**

Il-festa ta' San Ġwann Bosco tinżamm fil-31 ta' Jannar u hi d-data ta' meta miet dan il-qaddis fl-1888. Bosco twieled qrib il-belt ta' Turin, fl-Italja, fl-1815, minn familja fqira. Ta' sentejn tilef lil missieru, iżda ommu, minkejja ħafna diffikultajiet, edukatu. Meta kellu sittax-il sena daħal il-Liċeo ta' Chieri. Minkejja l-istudju li kellu, kien isib ħin biex jiġbed it-tfal tar-raħal tiegħu lejh, saħansitra kien jagħmlilhom kummiedji u bużullotti, biex wara, imbagħad jeħodhom il-knisja u jkellimhom fuq Ġesù. Ċkejken għamilha ta' ragħaj u mbagħad ta' kamrier u ta' ħajjat fil-belt ta' Chieri. Il-ħin li kien jibqagħlu kien jiddedikah għall-istudju u l-qari tajjeb. Ta' 20 sena daħal is-seminarju bl-għajnuna ta' saċerdot li miġbud mill-imġiba eżemplari taż-żagħżugħ kisiblu post bla ħlas. Ġie ordnat saċerdot fl-1841, ta' 26 sena.

Waqt li darba kien qed iżur ħabs ma' Don Cafasso, kappillan tal-ħabsijiet, osserva b'niket kbir il-kundizzjoni miżera tad-delinkwenza taż-żgħażagħ, u ddeċieda li jiddedika ħajtu għall-edukazzjoni ċivili u morali ta' dawn l-imsejknin. Jum minnhom, fit-8 ta' Diċembru 1841, waqt li kien qed jilbes għall-quddiesa, sema' lis-sagristan ikeċċi tifel mill-knisja għax ma riedx jgħin fil-quddiesa. Sejjaħlu, għamel ħbieb miegħu, u din il-laqgħa maċ-ċkejken Bartolomeo Garelli kienet iż-żerriegħa tal-*"oratorju"* li hu waqqaf fil-Knisja ta' San Franġisk u mbagħad, wara ħafna taħbit u ġarr minn naħa għal oħra, f'Valdocco, fil-parti baxxa ta' Turin (1846).

Fil-bidu l-oratorju kien ġa jgħodd seba' mitt tifel. Ommu marret tgħix miegħu biex tgħinu u baqgħet miegħu fl-aħħar għaxar snin ta' ħajjitha. It-tfal kienu jħobbu jsejħulha *"Mamma Margherita"*. Fl-1872, bil-għajnuna ta' Santa Marija Domenika Mazzarella, waqqaf ukoll il-Komunità tas-Sorijiet Salesjani biex jieħdu ħsieb it-tfajliet u għal-lajċi għamel it-tielet ordni ta' Kooperaturi Salesjani. San Ġwann Bosco kien ukoll kittieb prolifiku, u kiteb mhux biss kitbiet reliġjużi, imma wkoll kitbiet oħra biex jgħallem liż-żgħażagħ tiegħu u lill-poplu inġenerali. Beda l-famuża kollana *"Letture Cattoliche"* b'librett fuq xi suġġett partikulari kull xahar li kellha influwenza kbira fost il-poplu Taljan.

Fl-aħħar snin ta' ħajtu Don Bosco kien magħruf mad-dinja kollha. L-opra tiegħu bdiet tixtered mad-dinja kollha fejn il-missjunarji Salesjani tiegħu ħadu ħsieb skejjel, orfanatrofji, u kull xorta ta' opra oħra għall-ġid tat-tfal u ż-żgħażagħ.

Meta San Ġwann Bosco miet fil-31 ta' Jannar 1888 fl-età ta' 72 sena, is-soċjetà tas-Salesjani kellha diġà 250 dar mad-dinja kollha b'aktar minn 130,000 tifel, li minnhom kienu joħorġu 18,000 apprendist fis-sena. Hu ġie beatifikat fit-2 ta' Ġunju 1929 mill-Papa Piju XI u kien l-istess Papa li ddikjarah Qaddis fl-1 ta' April 1934.



*Il-kwadru ta' San Ġwann Bosco li jinsab fis-Sagristija tal-Kulleġġ.*


TA' ĠULINU

Furniture • Fridges • Cookers
Presents • Pans • Household Goods
Arloġġi tal-Lira

8, St. Joseph Street, Rabat
Tel: 2145 4379 / 2145 6049
Mob: 99452868



Gun & Cycle Supplier

53, 60 St. Publius Street, Rabat RBT 1471, Malta
Tel: +356 2145 4242 Fax: +356 2145 5846

*Stockist of: Sporting fire arms, pistols, rifles, ammunition, fishing equipment, all types of bicycles, TVs, car accessories and accepts all kinds of repairs.*

**Prop. Joe Micallef** **e-mail: guncycle@gmail.com**

MTARFA MEAT MARKET

FREE DELIVERY
Tuesdays - 7.30am - 12.30pm
4.00pm - 7.00pm
Saturdays - 7.30am - 1.00pm